Laqgha Generali Straordinarja
26 – 11-2013
Faculty of Theology Board Room – Universita'

Prezenti ghal din il-Laqgha Generali Straordinarja kien hemm tnax-il persuna, kollha Membri tal-Ghaqda Studenti tat-Teologija.

1. **Talba**

2. **Hatra tac-Chairperson:** Bhalma hu stipulat fl-istatut, ghandu jinhatar Chairperson sabiex imexxi din il-Laqgha Generali Straordinarja. Osmar Baldacchino gie nominat biex imexxi din il-laqgha minn Bernard Micallef u sekondat minn Matthew Pulis. Il-vot kien unanimu favur l-ghazla tieghu.

3. **Tibdil fl-istatut:** Bdiet id-diskussjoni fuq l-emendi ghall-istatut.
   a. Mozzjoni 1 imressqa minn Anton D'Amato. Din taqra hekk;

      *Artiklu 1 għandu jitħassar u jiġi sostitwit bil-kliem li ġej "L-isem uffiċċjali tal-Għaqda hu 'Għaqda Studenti tat-Teoloġija' fil-qosor 'Għ.S.T.'. Il-verżjoni bil-lingwa Ingliża hi 'Theology Students' Association' fil-qosor 'T.S.A.'."*

      *Artiklu 1 jiġi mibdul f' sub-artiklu 1.1 u jiżdied sub-artiklu 1.2 li jkun jaqra "L-Għaqda twaqfet fit-3 ta' Novembru 1945 bl-isem ta' 'Royal University Students Theology Association' fil-qosor 'RUSTA'."*

      *Jiżdied ukoll sub-artiklu 1.3 li jkun jaqra "L-Għaqda hija l-għaqda tal-istudenti rreġistrati fil-Fakultà tat-Teologija ġewwa l-Università ta' Malta."*

      *Il-frażi "(1989, emendat 1991, 1992, 2004 u 2013)" f'ariklu 3 għandha titħassar.*

      i. Matthew Pulis ressaq kontromozzjoni biex jithallew s-snin li hemm imnizzla f'artiklu 3 u tizdied 2013A u 2013B. Din giet sekondata minn Bernard Micallef. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (9 favur 2 kontra)
      ii. Mozzjoni 1 emendata u sekondata minn Matthew Pulis. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (11 favur)

a. Mozzjoni 2 imressqa minn Anton D'Amato. Din taqra hekk;

> *Artiklu 4 għandu jitħassar u jkun jaqra: "Jistgħu jissieħbu bħala Membri fl-Għaqda dawk li huma studenti rreġistrati fil-Fakultà, wara li jkunu mlew l-applikazzjoni pprovduta mill-Għaqda. Dawn jibqgħu jitqiesu bħala Membri sakemm jibqgħu rregistrati fil-Fakultà."*
>
> *Qabel artiklu 5 (preżenti) li issa jieħu post artiklu 6 (preżenti) għandu jidħol dan li ġej: "Student ma jibqax Membru tal-Għaqda meta jesprimi din ix-xewqa bil-miktub."*
>
> *Artiklu 6 (preżenti) għandu jitħassar.*

i. Din giet sekondata minn Matthew Pulis. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (11 favur)

[F'dan il-mument zdied membru fil-Laqgha sabiex in-numru ta' dawk prezenti isir 12 u Chairperson]

b. Mozzjoni 3 imressqa minn Anton D'Amato. Din taqra hekk;

> *Artiklu 8 għandu jitħassar u jiġi sostitwit bil-kliem li ġej "Laqgħa Ġenerali tista' tkun Annwali jew Straordinarja."*
>
> *F'artiklu 9 il-kliem "Tiltaqa' b'mod straordinarju" jiġi sostiwit bil-kliem "Laqgħa Ġenerali tkun Strordinarja" u miegħu jiżdied f'sub-inċiż ċ dan li ġej "F'każ ta' urġenza, Laqgħa Ġenerali Straordinarja tista' tiġi avżata erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel ma tibda l-laqgħa."*
>
> *Artiklu 10.3 għandu jitħassar.*
>
> *Qabel artiklu 9 għandu jiżdied sub-artilu 9.1 li jaqra: "Laqgħa Ġenerali tkun 'Annwali' meta tiġi msejħa mill-Kumitat. Din għandha tiġi msejħa sa mhux aktar tard mill-10 ta' Mejju ta' kull sena u tkun timmarka t-tmiem uffiċċjali tal-Kumitat li jsejjaħha."*
>
> *Għandu jiżdied ukoll sub-artiklu 9.2 li jaqra: "Laqgħa Ġenerali Annwali trid, fost l-oħrajn, tittratta dan li ġej:*
>
> *a. Għażla taċ-ċerpersin.*
> *b. Minuti u punti mill-minuti skont artiklu 11.*
> *ċ. Rapport amministrattiv imħejji mis-Segretarju.*
> *d. Rapport finanzjarju mħejji mit-Teżorier.*
> *e. Rapport mir-rappreżentanti tal-istudenti fil-Bord tal-Fakultà.*
> *f. Rapport mir-rappreżentanti tal-istudenti fuq il-Bord Amministrattiv u l-Bord Editorjali tal-Melita Theologica.*

*ġ.* *Rapport miċ-Chairpersons tas-sotto-kumitati u minn rappreżentanti oħra tal-Għaqda, jekk ikun hemm il-ħtieġa.*
*g.* *Mozzjonijiet.*
*ħ.* *Elezzjoni ta' Kumitat ġdid.*

*Artiklu 14 għandu jitħassar.*

*F' Artiklu 11 il-kliem "Laqgħa Ġenerali preċedenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Laqgħat Ġenerali preċedenti mill-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali għandhom".*

*F'artiklu 12 il-kliem "Iżda wara nofs siegħa tibda jekk ikun hemm kwart (1/4) tal-Membri preżenti" għadnu jiġi sostitwit bil-kliem "Iżda jekk wara nofs siegħa dan il-kworum ma jintaħaqx, il-Laqgħa Ġenerali tkun tista' tibda bin-numru ta' nies preżenti li għal dik il-Lagħqa Ġenerali jkun jikkostitwixxi kworum."*

*Qabel sub-artiklu 15.1 għandu jidħol dan li ġej: "Il-Laqgħa Ġenerali taħtar iċ-ċerpersin tagħha. Dan ikun l-ewwel punt fuq l-aġenda ta' kull Laqgħa Ġenerali." u artiklu 13 għandu għaldaqstant jitħassar.*

i. Javier Degiorgio ressaq kontromozzjoni sabiex il-hin ta' stennija qabel kworum isir ta' 20 minuta u mhux ta' nofs siegha kif stipulat f'artiklu 12. Din giet sekondata minn Bernard Micallef. Ittiehed il-vot. Tigi adotta (12 favur)
ii. Anton D'Amato ressaq kontromozzjoni sabiex jizdied sub-artiklu 15.6 li jaqra; "*Ma kull avviz ta' Laqgha Generali ghandha tintbaghat b'mod kontemporanju ukoll l-agenda.*" Din giet sekondata minn Matthew Pulis. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (12 favur)
iii. Javier Degiorgo ressaq kontromozzjoni li tizdied fl-agenda dejjem il-punt ''*hwejjeg ohra*'' bhala sub-artiklu 9.2(i). Sekondata minn Jethro Bajada. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (12 favur)
iv. Matthew Pulis ressaq kontramozzjoni li taqa il-frazi '*jekk ikun hemm il-ħtieġa*'' minn sub-artiklu 9.2(ġ). Din giet sekondata minn Bernard Micallef. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (12 favur)
v. Ittiehed il-vot fuq Mozzjoni 3 emendata u sekondata minn Matthew Pulis. Tigi adotta. (12 favur)

c. Mozzjoni 4 imressqa minn Anton D'Amato. Din taqra hekk;

*F'artiklu 16 il-kliem "Il-Kumitat jinħatar" għandu jibidel f'dan li ġej "Għandu jinħatar Kumitat" u wara l-kliem Laqgħa Ġenerali għandhom jiżdiedu li kliem "li jkun kostitwit b'dawn il-karigi eletti:*
*a. President*

*b. Segretarju*
*ċ.Teżorier*
*d.Uffiċjal għar-relazzjonijiet Pubbliċi*
*e.Membru"*

*F'artiklu 17.2 il-kelma 'officio'* ***għandha tinbdel*** *għal 'ufficio'.*

*Artiklu 18 għandu* ***jitħassar****.*

*Għandu jiżdied sub-artiklu 17.4 li jaqra "Iċ-Chairpersons tas-Sotto-kumitati eletti skont dan l-istatut, sakemm ma jkunux eletti skond artiklu 17.1 jiġu meqjusa bħala membri ex ufficio tal-Kumitat."*

*F'sub-inċiż 17.3.2 il-kliem "għandu jissejjaħ Laqgħa Ġenerali"* ***għandu jiġi sostitwit bil-kliem*** *"għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja"*

***Għandu jitħassar*** *sub-inċiż 3 ta' sub-artiklu 3 ta' artiklu 17.*

***Għandu jitħassar*** *sub-artiklu 19.2*

*F'artiklu 20.2 il-kelma "Membri"* ***għadha tinbidel bil-kliem*** *"membri tal-Kumitat".*

***Għandhom jiżdiedu s-sub-artikli kif imiss wara 20.2*** *li jkunu jaqra "20.3 F'kull laqgħa tal-Kumitat għandha tinqara l-korrispondenza kollha li daħlet minn żmien l-aħħar laqgħa.*
*20.4.1Il-minuti ma jinqrawx waqt il-laqgħat. Minflok ikunu lesti għall-anqas tlett (3) ijiem qabel il-laqgħa u kull Membru ikun jista' jaqrahom qabel il-laqgħa. B'hekk waqt il-laqgħa jkunu jistgħu jiġu approvati mingħajr ma jinqraw.*
*20.4.2Wara li min ikun qed imexxi jiftaħ il-laqgħa, għandu jistaqsi lill-kamra għall-korrezzjonijiet tal-minuti. Jekk jiġi vverifikat xi żball, verżjoni korretta tiġi reġistrata b'nota marġinali iffirmata minn min ikun qed imexxi u mis-Segretarju.*
*20.4.3Min ikun qed imexxi l-laqgħa mbagħad għandu jiddikjara li ġew approvati l-minuti u jiffirmahom.*
*20.4.4Kull Membru jista' mbagħad iqajjem punt dwar suġġett/i li jissemmew fil-minuti."*

*Artiklu 22 għandu* ***jitħassar u jiġi sostitwit*** *b'dan li ġej: "Kull Membru għandu dritt li jattendi għal-laqgħat tal-Kumitat, wara li dan jagħmel talba formali lis-Segretarju."*

i. Titressaq kontramozzjoni minn Matthew Pulis sabiex tithalla il-kelma ''Membri'' minflok il-bidla ghall-'membri tal-Kumitat''. M'hijiex sekondata u ghalhekk ma ttehidx vot fuqha.
ii. Titressaq kontromozzjoni minn Matthew Pulis sabiex titnehha il-kelma ''formali'' minn Artiklu 22. Din giet sekondata minn Bernard Micallef. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (12 favur)
iii. Matthew Pulis resaq kontramozzjoni sabiex Artiklu 23 issir emendata u taqra ''decizjonijiet''. Din giet sekondata minn Anton D'Amato. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (12 favru)
iv. Ittiehed il-vot fuq Mozzjoni 4 emendata. Tigi adotta. (12 favur)

d. Mozzjoni 5 imressqa minn Anton D'Amato. Din taqra hekk;

*Is-sotto-titlu "V Il-President" għandha tinbidel f' "V L-Uffiċjali tal-Kumitat" fil-waqt li jitneħħa is-sotto-titlu "VI L-Uffiċċjali tal-Kumitat".*

*Il-kliem "Xogħol il-President huwa li"* ***f'artiklu 24 għandu jinbidel bil-kliem*** *Id-dmirijiet tal-President jkunu, fost l-oħrajn".*

*Artiklu 27 għandu* ***jitħassar****.*

*Għandu* ***jiżdied qabel sub-inċiż 28.a*** *il-kliem " Li jżomm l-ordni fl-uffiċċju tal-Għaqda li jaqa' taħt ir-responsabilità tiegħu."*

i. Din giet sekondata minn Bernard Micallef. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (12 favur)

e. Tressqet mozzjoni minn Matthew Pulis fuq Artiklu 28c sabiex il-minuti jintbaghtu tlett ijiem qabel il-laqgha li jmiss. Din giet sekondata minn Bernard Micallef. Ittiehed il-vot. Tigi adotta. (12 favur)

[F'dan il-mument naqas membru fil-Laqgha sabiex in-numru ta' dawk prezenti isir 11 u Chairperson]

f. Mozzjoni 6 imressqa minn Anton D'Amato. Din taqra hekk;

*Il-Laqgħa Ġenerali tawtorizza lill-Kumitat sabiex jwettaq il-korrezzjonjiet ortografiċi u numeriċi neċessarji, u tawtorizza t-tibdil tal-kelma 'ċerpersin' għall-kelma "Chairperson"*

i. Kontramozzjoni tressqet minn Javier Degiorgio rigward l-uzu tal-lingwa fl-istatut b'mod specifiku fl-ghazla tal-kelma ''Cerpersin'' fuq ''Chairperson''. Din giet sekondata minn Jethro Bajada. Ttiehed il-vot. Tigi adotta. (1 konta, 6 astenzjonijiet, 4 favur)

ii. Ittiehed il-vot fuq Mozzjoni 6 emendata. Tigi adotta. (11 favur)

Il-laqgha giet aggornata.